



Brussell, 16 ta' Frar 2023
(OR. en)

6419/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0068(COD)

CODEC 186
UK 15
PE 10

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 13-16 ta' Frar 2023)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteurs, Danuta Maria HÜBNER (PPE, PL), Seán KELLY (PPE, IE) u Andreas SCHIEDER (S&D, AT), ippreżentaw emenda ta' kompromess (l-emenda numru 20) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet l-ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-14 ta' Frar 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 20) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (COM(2022)0089 – C9-0059/2022 – 2022/0068(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0089),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43, 91, 100, 173, 182, 188, 189 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0059/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarjiet Barranin, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Affarjiet Kostituzzjonali (A9-0248/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Frar 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli *43(2), 91(1), 100(2), 173(3), 182(5), 188, 189(2) u 207(2)* tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 365, 23.9.2022, p. 66.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023.

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Jannar 2020, il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³ (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"). Dak il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Fid-29 ta' April 2021, il-Kunsill ikkonkluda, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra⁴ (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Dak il-Ftehim ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.
- (3) Kemm il-Ftehim dwar il-Ħruġ kif ukoll il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedu li Parti tista' tadotta ċerti miżuri fil-każijiet speċifiċi u soġġett għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fih. Dawk il-miżuri jistgħu jinvolvu s-sospensjoni ta' ċerti obbligi skont il-Ftehim ikkonċernat.

³ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

⁴ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (4) L-Unjoni u r-Renju Unit jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali oħra bejniethom li jikkostitwixxu ftehimiet addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u tali ftehimiet addizzjonali huma parti integrali tar-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati minn dak il-Ftehim u jiffurmaw parti mill-qafas ġenerali. ***Huwa mfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 774(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, dak il-Ftehim la japplika għal Ġibiltà u lanqas ma għandu effetti f'dak it-territorju.***
- (5) Jekk tinqala' l-ħtieġa li jiġu ***adottati miżuri unilaterali kif previst fil-Ftehim*** dwar il-***Ħruġ, inkluż il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq***, u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni, ***fid-dawl tal-interess ġenerali tal-Unjoni***, li tagħmel użu xieraq mill-istrumenti disponibbli għaliha malajr u b'mod proporzjonat, effettiv u flessibbli, filwaqt li tinvolvi bis-sħiħ lill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' wkoll tiegħu miżuri xierqa jekk rikors effettiv għal soluzzjoni ta' tilwim vinkolanti skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jew il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma jkunx possibbli minħabba li r-Renju Unit ma jikkooperax biex jagħmel tali rikors possibbli. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri li jirregolaw l-adozzjoni ta' tali miżuri.

- (6) *Huwa mfakkar li l-proċedura għall-adozzjoni ta' miżuri awtonomi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ skont dan ir-Regolament hija mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju kontinwu u permanenti mill-Kunsill tal-funzjonijiet tiegħu ta' tfassil ta' politika, koordinazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet mogħtija mit-Trattati sa fejn hija kkonċernata l-implimentazzjoni tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.*
- (7) *Sabiex is-setgħat stipulati fl-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jingħataw effett, il-proċess intern tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa rifless fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2020/135⁶ u (UE) 2021/689⁷. Sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jeżerċita b'mod sħiħ il-funzjonijiet tiegħu ta' tfassil ta' politika, koordinazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet f'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kunsill ikun kontinwament infurmat fuq bażi permanenti u regolari dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-Ftehimiet, inkluż dwar id-diffikultajiet kollha li jistgħu jinqalgħu, b'mod partikolari ksur possibbli ta' dawk il-Ftehimiet u sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jagħtu lok għal miżuri adottati skont dan ir-Regolament. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kunsill jiġi infurmat b'mod debit u tempestiv dwar ir-reazzjonijiet possibbli li l-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa u xierqa ta' dawk il-Ftehimiet, kif ukoll dwar is-segwitu għal kwalunkwe miżura meħuda.*

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

- (8) *Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jiġi infurmat minnufih u bis-sħiħ, kif previst fl-Artikolu 218(10) tat-TFUE, biex ikun jista' jeżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi tiegħu f'konformità mat-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew fil-ħin dwar id-diffikultajiet kollha li jistgħu jinqalgħu, b'mod partikolari dwar ksur possibbli tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jirriżultaw fl-adozzjoni ta' miżuri skont dan ir-Regolament.*
- (9) Jenħtieġ li r-regoli u l-proċeduri stipulati f'dan ir-Regolament jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni adottata abbażi tat-TFUE li tirregola l-istess suġġett.
- (10) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament jibqa' adatt għall-iskop tiegħu, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq, fi żmien ***tlit*** snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu, rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. ***Dak ir-rieżami jenħtieġ, fejn xieraq, ikun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi rilevanti.***

- (11) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju rapidu, effettiv u flessibbli tad-drittijiet korrispondenti tal-Unjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta l-miżuri meħudin skont dan ir-Regolament u biex tadotta, kif xieraq, miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ jew attivitajiet oħra. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jestendu wkoll għall-emenda, is-sospensjoni jew it-tħassir tal-miżuri adottati. Huma jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Minħabba li l-miżuri previsti jinvolvu l-adozzjoni ta' atti ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali, u li l-parti l-kbira tal-miżuri previsti huma relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' dawk il-miżuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan għall-protezzjoni xierqa tal-interessi tal-Unjoni.

- (12) *Meta l-Kunsill jiddeċiedi skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE li jissospendi, kompletament jew parzjalment, l-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni taħt il-Ħames Intestatura tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni minn bastimenti tar-Renju Unit għas-sajd, jenħtieġ li jqis l-effettività ta' din is-sospensjoni li jwasslu għall-konformità tar-Renju Unit mal-ftehim rilevanti u kwalunkwe kriterju speċifiku stabbilit fih. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun implimentata fir-rigward ta' bastimenti individwali tar-Renju Unit f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.*
- (13) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u biex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-miżuri meħtieġa inklużi, kif xieraq, ir-restrizzjonijiet kummerċjali, l-investiment jew attivitajiet oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. Barra minn hekk, peress li l-Unjoni biss hija Parti fil-Ftehim ta' Ħruġ u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-azzjoni fil-livell tad-dritt internazzjonali fir-rigward ta' dawk il-Ftehimiet tista' tittieħed biss mill-Unjoni. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri biex jiġi żgurat eżerċizzju effettiv u f'waqtu tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") u l-ftehimiet li jissupplimentaw il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
2. Dan ir-Regolament japplika għall-miżuri li ġejjin adottati mill-Unjoni:
 - (a) is-sospensjoni **temporanja** tat-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodott jew prodotti kkonċernat(i) kif stabbilit fl-Artikolu 34 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
 - (b) miżuri ta' rimedju u s-sospensjoni tal-obbligi kif stabbilit fl-Artikolu 374 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

- (c) miżuri ta' riekwilibriju u kontromiżuri kif stabbilit fl-Artikolu 411 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (d) ir-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni, il-limitazzjoni u l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjonijiet operattivi ***jew il-permessi tekniċi*** tat-trasportaturi tal-ajru tar-Renju Unit, kif ukoll ir-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni, il-limitazzjoni u l-impożizzjoni tal-kundizzjonijiet fuq l-operat ta' dawg it-trasportaturi tal-ajru, kif stabbilit fl-Artikoli 434(4) u 435(12) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (e) is-sospensjoni tal-obbligi ta' aċċettazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 457 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (f) miżuri ta' rimedju kif stabbilit fl-Artikolu 469 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (g) miżuri ta' kumpens, ***b'mod partikolari*** s-sospensjoni tal-obbligi kif stabbilit fl-Artikolu 501 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

- (h) miżuri ta' rimedju u s-sospensjoni tal-obbligi kif stabbilit fl-Artikolu 506 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (i) is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll I tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward ta' programm jew attività waħda jew aktar tal-Unjoni adottati abbażi tat-TFUE, jew partijiet minnu, kif stabbilit fl-Artikoli 718 u 719 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (j) offerta jew aċċettazzjoni ta' kumpens temporanju jew is-sospensjoni tal-obbligi fil-kuntest ta' konformità b'segwitu għal proċedura ta' arbitraġġ jew ta' grupp ta' esperti skont l-Artikolu 749 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (k) miżuri ta' salvagwardja u miżuri ta' riekwilibriju kif stabbilit fl-Artikolu 773 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;
- (l) miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ, investiment jew attivitajiet oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jekk l-aġġudikazzjoni ma tkunx possibbli minħabba li r-Renju Unit ma jkunx qed jieħu l-passi li huma neċessarji biex proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dak il-Ftehim jew il-Ftehim dwar il-Ħruġ tiffunzjona, inkluż id-dewmien bla bżonn tal-proċedimenti li jammontaw għal nuqqas ta' kooperazzjoni fil-proċess;

- (m) is-sospensjoni tal-obbligi skont l-Artikolu 178 tal-Ftehim dwar il-*Ħruġ* fil-kuntest tal-konformità ma' deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ;
- (n) miżuri ta' rimedju kif stabbilit fl-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-*Ħruġ*;
- (o) miżuri ta' salvagwardja u miżuri ta' riekwilibriju kif stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-*Ħruġ*.

Artikolu 2

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
 - (a) li tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, ***bl-eċċezzjoni tas-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, tal-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni minn bastimenti tar-Renju Unit għas-sajd***; u
 - (b) meta l-miżura tikkonsisti fis-sospensjoni ta' obbligu skont kull wieħed mill-Ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), li timponi restrizzjonijiet fuq il-kummerċ, l-investiment jew attivitajiet oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim ikkonċernat, li inkella jkunu preklużi mill-obbligu sospiż.

Fejn xieraq, dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw it-tul ta' żmien tal-miżuri adottati.

2. Il-miżuri li għandhom jiġu adottati *skont dan ir-Regolament* għandhom *ikunu proporzjonati mal-objettivi segwiti u effettivi f'li jwasslu għall-konformità tar-Renju Unit mal-Ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1(1). Huma għandhom jikkonformaw mal-kriterji speċifiċi stabbiliti f'dawk il-Ftehimiet.*

I

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda, tissospendi jew tħassar il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Fejn xieraq, dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw it-tul ta' żmien tas-sospensjoni.
4. Fejn ikun hemm tħassib partikolari ta' Stat Membru wieħed jew aktar, dak l-Istat Membru jew dawk l-Istati Membri, jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2). Jekk il-Kummissjoni ma twegħibx b'mod pożittiv għal tali talba, din għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien tempestiv bir-raġunijiet tagħha.

5. Jekk, minħabba diverġenzi sinifikanti persistenti, il-miżuri ta' riekwilibriju msemija fl-Artikolu 1(2), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament idumu aktar minn sena, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tattiva l-klawżola ta' stħarriġ prevista fl-Artikolu 411 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Il-Kummissjoni għandha teżamina dik it-talba fi żmien tempestiv u għandha tikkunsidra li tgħarraf kif xieraq lill-Kunsill ta' Sħubija dwar dik il-kwistjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Jekk il-Kummissjoni ma tweġibx b'mod pożittiv għal tali talba, din għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien tempestiv bir-raġunijiet tagħha.
6. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 3(2).
7. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 3(3).
8. ***Meta l-Kunsill jiddeċiedi skont l-Artikolu 43(3) TFUE li jissospendi, kompletament jew parzjalment, l-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni minn bastimenti tar-Renju Unit għas-sajd, huwa għandu japplika l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.***

Artikolu 3
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tar-Renju Unit. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens ***tal-Artikolu 3*** tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ***F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu infurmati regolarment u minnufih dwar il-proċedimenti tal-kumitati.***
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.
4. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu fi kwalunkwe ħin jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' skrutinju f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

Artikolu 4
Informazzjoni

- 1. Sabiex jingħata effett lis-setgħat tal-Kunsill skont it-Trattati, kif riflessi fid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/135 u (UE) 2021/689, il-Kunsill għandu jiġi infurmat kontinwament fuq bażi permanenti u regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.**
- 2. Sabiex jagħti effett lill-kompetenzi tiegħu skont it-Trattati, il-Parlament Ewropew għandu jinżamm infurmat b'mod immedjat u sħiħ, f'konformità mat-Trattati, sabiex ikun jista' jeżerċita l-prerogattivi istituzzjonali tiegħu.**

Artikolu 5
Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni adottata abbażi tat-TFUE li tirregola l-istess suġġett.

Meta l-Kummissjoni tissottometti r-rapporti annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, hija għandha tinkludi wkoll ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe lment irċevut relatat mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kif ukoll is-segwitu għal tali lmenti, u tal-miżuri adottati skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Rieżami

Sa ... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data *tlit* snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, *akkumpanjat, fejn ikun xieraq, bi proposti leġiżlattivi rilevanti*.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President